

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

KUMMISSJONI

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5363 — Santander/Bradford & Bingley Assets)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 298/05)

1. Fit-12 ta' Novembru 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li biha l-impriża Abbey National plc ("Abbey", ir-Renju Unit), li hi kkontrollata mill-impriża Banco Santander S.A. ("Santander", Spanja), takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill kontroll ta' parti mill-Bradford & Bingley plc ("Bradford & Bingley Assets", ir-Renju Unit) permezz tax-xiri ta' beni.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal Abbey: servizzi finanzjarji personali, inklużi kontijiet kurrenti u kontijiet ta' tfaddil, self, karti tal-kreditu, ipoteke, investimenti u penzjonijiet. L-Abbey hi attiva wkoll fis-servizzi bankarji korporattivi, servizzi fis-suq finanzjarju u tqassam prodotti ta' assigurazzjoni ta' parti terza,
- għal Santander: kumpanija ewlenija ta' grupp internazzjonali ta' banek u ta' kumpaniji finanzjarji li jopearaw fir-Renju Unit, Spanja u ċerti pajjiżi Ewropej oħra, kif ukoll fl-Amerika Latina,
- għal Bradford & Bingley Assets: operazzjonijiet bankarji retail (tfaddil u self ta' ipoteke).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni jidhrilha li l-operazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 jiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (faks nru (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5363 — Santander/Bradford & Bingley Assets, fl-indirizz li ġej:

Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Brussel

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.